# Minuti tal-40 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

L-40 laqgħa tal-Kumtitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju, 2013 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Item 1- Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Simon Vella.

Is-Sur Mario Bartolo kien skużat.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tad-39 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Iċ-*Chairperson* staqsiet dwar is-servizz ta' karozza tal-linja f'St Peter's u talbet li l-Kumitat ikompli jagħmel pressjoni biex il-karozza tal-linja numru 120 tibda tgħaddi mit-toroq ta' St Peter's.

Iċ-*Chairperson* saħqet ukoll dwar l-importanza li jkun hemm frekwenza aħjar ta' servizz speċjalment wara d-9.00 ta' filgħodu.

Is-Sur Farrugia rrefera għall-parti ta' Triq il-Profs. J.G. Baldacchino li għada m'hix asfaltata u li trid issir mill-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li r-residenti ta' din it-triq bagħtu flimkien ma' petizzjoni. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kumitat qabel unanimament li jikteb lil Transport Malta u jitlob li tiġi asfaltata din il-parti tat-triq li tmiss ma' Triq il-Marżebb.

Is-Sur Simon Vella saħaq dwar l-importanza li l-Kunsill jibqa' jagħmel pressjoni biex tiġi asfaltata Triq Patri Feliċjan Grech. Is-Sur Vella qal li l-kundizzjoni ta' din it-triq qed toħloq inkonvenjent kbir speċjalment għar-residenti.

Is-Sur Vella semma wkoll il-ħtieġa li jitnaddfu plots vojta li hemm fit-triq kif ukoll f'toroq oħra fil-viċinanzi.

Iċ-*Chairperson* qalet illi fi Triq Patri Feliċjan Grech hemm plot li qed iservi ta' *dumping site* u li għadu ma tnaddafx mis-sid kif ġie ordnat jagħmel mid-Dipartiment tas-Sanità.

Is-Sur Simon Vella qal li fi Triq il-Farfett tal-Fejġel hemm blokki tal-konkos li tħallew fit-triq u li issa ilhom hemm għal żmien twil.

Is-Sur Farrugia, filwaqt li faħħar l-inizjattiva li ħa l-Kunsill li jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq l-Għakrux, talab li l-Kumitat ikollu kopja tal-pjanti li jindikaw kif ser tiġi ffurmata l-entratura tat-triq.

Is-Sur Farrugia ppropona li ssir konsultazzjoni mal-pubbliku dwar il-possibilità illi t-toroq li jmissu mal-*playing field* ta' Triq l-Għakrux jingħalqu għat-traffiku u jsiru żoni pedonali. Is-Sur Clews issekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Norman Clews talab ukoll li ssir tabella fi Triq il-Marżebb li tindika li x-xogħol li mistenni jinbeda ser ikun qiegħed isir mill-Kumitat Amministrattiv flimkien mal-Kunsill Lokali.

Iċ-*Chairperson* qal illi s-Segretarju Eżekuttiv kien infurma li s-Sur Mario Bartolo kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat fl-aħħar sitt xhur (mis-6 ta' Novembru, 2012 u l-11 ta' April, 2013). Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia , il-Kumitat qabel unanimament li l-post tas-Sur Bartolo m'għandux jiġi ddikjarat vakanti.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-41 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2013.

Maria Elena Debattista
Chairperson